18 ta' Ġunju, 1945.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Rosa Sant** *versus* Giuseppe Cassar ne. et.

## Eredità — Likwidazzjoni.

***Min ikun għadu ma ddeliberax jekk jaċċettax jew le l-wirt ma jistax jagħmel azzjoni għal-likwidazzjoni ta' dak il-wirt; għax dik l-azzjoni tmiss esklużivament lill-werrieta jew aventi kawża.***

L-attriċi fit-taħrika qalet li fit-3 ta' Marzu 1944 miet mingħajr dixxendenti l-imsemmi Luigi Grima (dok. A), li b'testment minnu pubblikat fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi tas-16 ta' Frar 1944 għamel biss dispożizzjonijiet a titolu partikolari a favur ta' ruħu u tal-konvenut Giuseppe Cassar (dok. B); u li hija, bħala oħt id-decujus, hija bħall-konvenuti proprio et nomine msejħa għall-eredità intestata ta' l-istess decujus, u għalhekk għandha interess li din l-eredità tiġi likwidata għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi; u talbet li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi likwidat il-wirt ta' l-istess Luigi Grima, jekk hemm bżonn anki per mezz ta' periti nominandi, billi dana l-wirt għandu jiġi dikjarat jikkonsisti fis-sostanzi indikati fin-nota (dok. C) u f'sustanzi oħra li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża; salva kwalunkwe azzjoni oħra kompetenti lilha, kompriża dik ta' l-eventwali diviżjoni ta' l-istess assi fuq riferit. Bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Irriżulta li sal-lum l-attriċi għadha ma ddeliberatx taċċettax jew le l-wirt, u l-wirt għadu battal; għaldaqstant hija ma għandhiex azzjoni biex titlob il-likwidazzjoni, għax dik l-azzjoni tmiss esklużivament lill-werrieta u l-aventi kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi teħles lill-imħarrkin mill-ħarsa tal-ġudizzju; bl-ispejjeż mingħajr taxxa, iżda bid-dritt tar-reġistru kontra l-attriċi.